MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2012

Numru. 194/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Busuttil]**

**vs**

**Alan Azzopardi**
**-omissis-**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Alan Azzopardi u detentur tal-karta tal-identita' numru 532384(M).

Akkuzat talli;

F'dawn il-gzejjer fil-lejl ta' bejn is-17 u 18 ta' Novembru 2011 ghal habta ta' 00:15hrs waqt li kien fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, ikkommetta serq ta' fuel minn go vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAJ115 tal-ghamla

JCB ghad-detriment ta’ Angelo Galea u/jew persuni ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin u bix-xorta ta’ haga misruqa.

Rat id-dokumenti ipprezentati, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-ezami tal-imputat fejn irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu;

Rat is-separazzjoni tal-gudizzju tal-proceduri minn mal-ko akkuzat l-iehor Darren Spiteri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 270 u 271(9) tal-Kap 9 qeghda tikkundannah ghal tmien (8) xhur prigunierja li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 qeghdin jigu sospizi ghal tmintax-il (18) xahar.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------